MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1591/2002

**Josephine Gauci**

**Vs**

**Mario Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet prezentat fl-1 ta' Lulju, 2002 mill-attrici fejn intalab l-ammont ta' Lm587.50 (hames mija u seba' u tmenin lira maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti ta ' somma dovuta mill-konvenut lill-attrici ghal tliet snin kera.**

**L-attrici permezz tal-prezenti qed titlob lil dana l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin lira maltija u hamsin centezmu (Lm587.50) rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' hames mija**

**u seba' u erbghin lira maltija u hamsin centezmu (Lm547.50) somma dovuta mill-konvenut lill-attrici ghal tliet snin kera bir-rata ta' hamsin centezmu (50c) kuljum ghall-fond 'The Egg Take Away' fi Vjal il-Haddiem, Rabat, u dan ghall-istadji minn Gunju, 1989 sa Gunju, 2000 u minn Gunju, 2000 sa Gunju, 2001, u in kwantu ghas-somma ta' erbghin lira maltija (Lm40) rapprezentanti t-tnaqqis mill-kera ghal spejjes u drittijiet gudizzjarji in konnessjoni mac-cedoli ta' depositu L057/01, 68/02 u 928/02, bl-ispejjes kolha u bl-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta, fejn il-konvenut spjega:-**

1. **Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi l-istess konvenut dejjem hallas il-kera dovut lill-attrici, u dan kif jista jigi kkonstat mill-ktieb tal-kera.**
2. **Illi inoltre, meta l-istess attrici waqfet taccetta l-kera, l-konvenut dejjem iddepozita l-kera that l-awtorita' tal-Qorti kompetenti u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif inhu wkoll ammess fl-istess talba tal-attrici.**
3. **Konsegwentement, u b'referenza ghat-talba ghal hlas ta' erbghin lira Maltin (Lm40) rapprezentanti t-tnaqqis mill-kera tal-ispejjez tac-cedola ta' depozitu, din ghandha tigi michuda ladarba kienet l-istess attrici rrifjutat il-kera minghand il-konvenut, u dan minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.**
4. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Ikkonsidera,**

**Illi din il-kawza si tratta ta' kwistjoni bejn onn (l-attrici) u binha' (il-konvenut) dwar allegat nuqqas ta' pagament ta' kera.**

**Illi l-konvenut ibbazat hafna fuq ix-xhieda ta' zijuh Paul Agius, u l-attrici. Huh John baqa' ma giex**

**prodott. L-allegazzjonijiet tal-konvenut gew imxejna mix-xhieda tal-istess Agius. Agius xehed li ma kienx avvicinat u/jew nominat mill-attrici biex taccetta flus u jiffirma ricevuti f'isimha. Mela ghalfejn kien jiffirma? Flus ma kienx jinghata izda qaghad fuq il-kelma ta' neputih. Hija storja verament stramba li ma tircevix flus izda tirrilaxxja ricevuta. Minn naha l-ohra l-konvenut l-ewwel jallega li kien ihallas lil zijuh imbaghad biddel l-verzjoni li kien miftiehem ma' ommhu l-attrici li jaghtiha l-flus meta tirritorna Malta.**

**Da parti taghha, l-attrici dejjem sostniet versjoni wahda, tant li l-kwistjoni kollha qamet meta tablet zieda fil-kera. Meta effettivament tablet il-hlas tal-kera l-konvenut hareg bil-famuzi ricevuti ta' non pagament! Kien jaf li ma hallasx kera. Ghalfejn dahhal fin-nofs lil zijuh li kien unikament inkarigat mill-attrici limitatament ghal kwistjoni tal-wirt? Kien jaf b'dik l-istorja u pprova jikkapparraha ghal kaz tieghu.**

**Illi l-verzjoni minnhu moghtija mhux verosimili xejn ghar-realta tal-hajja, anzi t-tentattiv tieghu kien jimmenoma d-drittijiet ossia dak li hu dovut lill-istess ommhu huwa wiehed despikabbli.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundannah ihallas is-somma ta' hames mija sebgha u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm587.50) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------